32005D0753

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' Ottubru 2005

li temenda l-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE fir-rigward ta' l-importazzjonijiet ta' laħam frisk mill-Brażil

(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 4168)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/753/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum mill-bniedem [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8 (1) u (4) tagħha,

Billi:

(1) Parti 1 ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1979 li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet min pajjiżi terzi, u li tistabbilixxi kundizzjonijiet ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika u veterinarja għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom [2] tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi u partijiet ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom.

(2) Skond dik id-Deċiżjoni, parti mit-territorju tal-Brażil hija awtorizzata biex minnha jiġi impurtat fil-Komunità laħam immaturat u bl-għadam imneħħi tal-bovini minħabba li jsir tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer.

(3) Madankollu, ġiet ikkonfermata tifqigħa tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer mill-awtoritajiet veterinarji Brażiljani, u rrapurtata mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali fl-10 ta' Ottubru 2005, fil-Brażil fl-Istat ta' Mato Grosso do Sul qrib il-fruntiera ma' l-Istat tal-Parana. Barra minn hekk, hemm ħafna ċaqliq u rabtiet epidjemoloġiċi bejn dawn l-Istati u l-Istat ta' Sao Paulo. Għalhekk, fin-nuqqas ta' tagħrif dettaljat li jippermetti definizzjoni iktar preċiża taż-żona affettwata u sabiex ikun assigurat il-livell għoli tas-saħħa tal-Komunità fir-rigward tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, jitqies xieraq li jiġu sospiżi l-importazzjonijiet tal-laħam tal-bovini minn dawn l-istati.

(4) L-ewwel notifika lill-awtoritajiet veterinarji Brażiljani seħħet fit-30 ta' Settembru 2005. Għaldaqstant, konsenji biċ-ċertifikazzjoni ta' laħam bl-għadam imneħħi u laħam immaturat ta' bovini maqtula qabel din id-data għandhom jiġu aċċettati, iżda l-konsenji kollha ta' laħam bħal dan minn bovini maqtula f'din id-data jew warajha minn dawn it-tliet Stati għandhom jiġu sospiżi.

(5) Parti 1 ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni 79/542/KEE għandha tiġi emendata skond dan.

(6) Din id-Deċiżjoni se tiġi riveduta fid-dawl ta' tagħrif miksub mill-Brażil.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Parti 1 ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni 79/542/KEE tinbidel bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar l-24 ta' Ottubru 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

[2] ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/620/KE (ĠU L 216, 20.8.2005, p. 11).

ANNESS

"ANNESS II

LAĦAM FRISK

Parti 1

LISTA TA' PAJJIŻI TERZI JEW PARTIJIET MINNHOM [1]

Pajjiż	Kodiċi tat-territorju:	Deskrizzjoni tat-territorju	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi
			Mudell(i)	SG	
1	2	3	4	5	6
AL – l-Albanija	AL-0	Il-pajjiż kollu	—		
AR – l-Arġentina,	AR-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
	AR-1	Il-Provinċji ta' Buenos Aires, Catamarca, Corrientes, Entre Ríos, La Rioja, Mendoza, Misiones, Neuquen, Rio Negro, San Juan, San Luis, Santa Fe, u Tucuman.	BOV	A	1 u 2
	AR-2	La Pampa u Santiago del Estero	BOV	A	1 u 2
	AR-3	Cordoba	BOV	A	1 u 2
	AR-4	Chubut, Santa Cruz u Tierra del Fuego	BOV, OVI, RUW, RUF		
	AR-5	Formosa (it-territorju ta' Ramon Lista biss) u Salta (id-dipartiment ta' Rivadavia biss)	BOV	A	1 u 2
	AR-6	Salta (id-dipartimenti ta' General Jose de San Martin, Oran, Iruya, u Santa Victoria biss)	BOV	A	1 u 2
	AR-7	Chaco, Formosa (minbarra t-territorju ta' Ramon Lista), Salta (minbarra d-dipartimenti ta' General Jose de San Martin, Rivadavia, Oran, Iruya, u Santa Victoria), Jujuy	BOV	A	1 u 2
	AR-8	Chaco, Formosa, Salta, Jujuy, bl-eċċezzjoni taż-żona buffer ta' 25 Km mill-fruntiera mal-Bolivja u l-Paragwaj li testendi mid-distrett ta' Santa Catalina fil-Provinċja ta' Jujuy, sad-Distrett ta' Laishi fil-Provinċja ta' Formosa	BOV	A	1 u 2
	AR-9	Iż-żona buffer ta' 25 Km mill-fruntiera mal-Bolivja u l-Paragwaj li testendi mid-distrett ta' Santa Catalina fil-Provinċja ta' Jujuy, sad-Distrett ta' Laishi fil-Provinċja ta' Formosa	—		
AU – L-Awstralja	AU-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW		
BA – Il-Bosnja Herzegovina	BA-0	Il-pajjiż kollu	—		
BG – Il-Bulgari-ja	BG-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
	BG-1	Il-provinċji ta' Varna, Dobrich, Silistra, Choumen, Targovitchte, Razgrad, Rousse, V. Tarnovo, Gabrovo, Pleven, Lovetch, Plovdic, Smolian, Pasardjik, id-distrett ta' Sofia, il-belt ta' Sofia, Pernik, Kustendil, Blagoevgrad, Vratza, Montana u Vidin	BOV, OVI, RUW, RUF		
	BG-2	Il-provinċji ta' Bourgas, Jambol, Sliven, Starazagora, Hasskovo, Kardjaliand u l-kuritur wiesa' 20 km fuq il-fruntiera mat-Turkija	—		

[1] Minghajr preġudizzju ghall-htiġijiet speċifiċi ta' ċertifikazzjoni previsti mill-ftehimiet Komunitarji ma' pajjiżi terzi.

1	2	3	4	5	6
BH – Il-Baħrejn	BH-0	Il-pajjiż kollu	—		
BR – Il-Brazil	BR-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
	BR-1	L-Istati ta' Mato Grosso do Sul (minbarra l-muniċipalitajiet ta' Sonora, Aquidauana, Bodoqueno, Bonito, Caracol, Coxim, Jardim, Ladario, Miranda, Pedro Gomes, Porto Murtinho, Rio Negro, Rio Verde of Mato Grosso u Corumbá), Paraná u Sao Paulo, Minas Gerais (minbarra d-delegazzjonijiet reġjonali ta' Oliveira, Passos, São Gonçalo de Sapucai, Setelagoas u Bambuí), Espíritu Santo, Santa Catarina, Goias u l-unitajiet reġjonali ta' Cuiaba (minbarra l-muniċipalitajiet ta' San Antonio de Leverger, Nossa Senhora do Livramento, Pocone u Barão de Melgaço), Caceres (minbarra l-muniċipalità ta' Caceres), Lucas do Rio Verde, Rondonopolis (minbarra l-muniċipalità ta' Itiquiora), Barra do Garça u Barra do Bugres f'Mato Grosso.	BOV		2
	BR-2	L-Istat ta' Rio Grande do Sul	BOV	A	1 u 2
	BR-3	L-Istat ta' Mato Grosso do Su (il-muniċipalità ta' Sete Quedas	BOV	A	1 u 2
	BR-4	L-Istati ta' Mato Grosso do Sul (minbarra l-muniċipalitajiet ta' Sonora, Aquidauana, Bodoqueno, Bonito, Caracol, Coxim, Jardim, Ladario, Miranda, Pedro Gomes, Porto Murtinho, Rio Negro, Rio Verde of Mato Grosso u Corumbá), Paraná u Sao Paulo.	BOV	A	1 u 2
BW – Botswana	BW-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW		
	BW-1	Iż-żoni veterinarji ta' kontroll 5, 6, 7, 8, 9 u 18	BOV, OVI, RUF, RUW	F	1 u 2
	BW-2	Iż-żoni veterinarji ta' kontroll 10, 11, 12, 13 u 14	BOV, OVI, RUF, RUW	F	1 u 2
BY – Il-Belarus	BY-0	Il-pajjiż kollu	—		
BZ – Il-Beliże	BZ-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		
CA – Il-Kanada	CA-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW	G	
CH – L-Isvizzera	CH-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW		
CL – Iċ-Ċilì	CL-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF		
CN – Iċ-Ċina (ir-Repubblika tal-Poplu ta')	CN-0	Il-pajjiż kollu	—		

1	2	3	4	5	6
CO – Il-Kolumbja	CO-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
	CO-1	Iż-żona inkluża bejn il-linji li jibdew mill-punt fejn ix-Xmara Murri tingħaqad max-Xmara Atrato, 'l isfel max-Xmara Atrato sa fejn din tingħaqad ma' l-Oċean Atlantiku, u minn dan il-punt sal-fruntiera tal-Panama mal-kosta Atlantika sa Cabo Tiburón\; minn dan il-punt sa l-Oċean Paċifiku mal-fruntiera bejn il-Kolumbja u l-Panama\; minn dan il-punt sal-bidu tax-Xmara Valles mal-kosta tal-Paċifiku u minn dan il-punt f'linja dritta sal-punt fejn ix-Xmara Murri tingħaqad max-Xmara Atrato.	BOV	A	2
	CO-3	Iż-żona li tinsab bejn il-linji li jibdew minn ħalq ix-Xmara Sinu fuq l-Oċean Atlantiku, 'il fuq max-Xmara Sinu sal-bidu tagħha – l-Ilmijiet ta' Alto Paramillo, u minn dan il-punt sa Puerto Rey fuq l-Oċean Atlantiku, mal-linja bejn id-Dipartiment ta' Antiquia u Córdoba, u minn dan il-punt sa ħalq ix-Xmara Sinu mal-Kosta Atlantika.	BOV	A	2
CR – Il-Kosta Rika	CR-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		
CS – Is-Serbja u l-Montenegro (*)	CS-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU		
CU – Kuba	CU-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		
DZ – L-Alġerija	DZ-0	Il-pajjiż kollu	—		
ET – L-Etjopja	ET-0	Il-pajjiż kollu	—		
FK – Il-Gżejjer Falkland,	FK-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU		
GL – Greenland	GL-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUF, RUW		
GT – Il-Gwate-mala	GT-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		
HK – Ħong Kong	HK-0	Il-pajjiż kollu	—		
HN – Il-Ħonduras	HN-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		
HR – Il-Kroazja	HR-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUF, RUW		
IL – L-Iżrael	IL-0	Il-pajjiż kollu	—		
IN – L-Indja	IN-0	Il-pajjiż kollu	—		
IS – L-Iżlanda	IS-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUF, RUW		
KE – Il-Kenja	KE-0	Il-pajjiż kollu	—		
MA – Il-Marokk	MA-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
MG – Il-Madagaskar	MG-0	Il-pajjiż kollu	—		
MK – Ir-Repubblika ex-Jugożlava tal-Maċedonja (**)	MK-0	Il-pajjiż kollu	OVI, EQU		
MU – Il-Mawrizju	MU-0	Il-pajjiż kollu	—		

1	2	3	4	5	6
MX – Il-Messiku	MX-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		
NA – In-Namibja	NA-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW		
	NA-1	Lejn in-Nofsinhar mill-perimetru taż-żona magħluqa li jestendi minn Palgrave Point fil-Punent sa Gam fil-Lvant	BOV, OVI, RUF, RUW	F	2
NC – New Caledonia	NC-0	Il-pajjiż kollu	BOV, RUF, RUW		
NI – In-Nikaragwa	NI-0	Il-pajjiż kollu	—		
NZ – New Zealand	NZ-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW		
PA – Il-Panama	PA-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		
PY – Il-Paragwaj	PY-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
	PY-1	Chaco ċentrali u ż-żoni ta' San Pedro	BOV	A	1 u 2
RO – Ir-Rumanija	RO-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUW, RUF		
RU – Ir-Russja	RU-0	Il-pajjiż kollu	-		
	RU-1	Ir-reġjun ta' Murmansk, iż-żona awtonoma ta' Yamalo-Nenets	RUF		
SV – El Salvador	SV-0	Il-pajjiż kollu	—		
SZ – Is-Sważiland	SZ-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW		
	SZ-1	Iż-żona fil-Punent tal-'linja ħamra' li testendi lejn it-Tramuntana mix-Xmara Usutu sal-fruntiera ma' l-Afrika t'Isfel fil-Punent ta' Nkalashane,	BOV, RUF, RUW	F	2
	SZ-2	Iż-żoni veterinarji ta' sorveljanza u tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, ippubblikati bħala Strument leġiżlattiv taħt in-notifika legali numru 51 ta' l-2001	BOV, RUF, RUW	F	1 u 2
TH – It-Tajlandja	TH-0	Il-pajjiż kollu	—		
TN – It-Tuneżija	TN-0	Il-pajjiż kollu	—		
TR – It-Turkija	TR-0	Il-pajjiż kollu	—		
	TR-1	Il-provinċji ta' Amasya, Ankara, Aydin, Balikesir, Bursa, Cankiri, Corum, Denizli, Iżmir, Kastamonu, Kutahya, Manisa, Usak, Yozgat u Kirikkale	EQU		
UA – L-Ukraina	UA-0	Il-pajjiż kollu	—		
US – L-Istati Uniti	US-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, SUF, SUW, RUF, RUW	G	
UY – L-Urugwaj	UY-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
			BOV,	A	1 u 2
			OVI	A	1 u 2

1	2	3	4	5	6
ZA – L-Afrika t'Isfel	ZA-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW		
	ZA-1	Il-pajjiż kollu ħlief: — il-parti taż-żona ta' kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li tinsab fir-reġjuni veterinarji ta' Mpumalanga u l-provinċji tat-Tramuntana, fid-distrett ta' Ingwavuma tar-reġjun veterinarju ta' Natal u fiż-żona fuq il-fruntiera mal-Botswana fil-Lvant ta' lonġitudni 28°, u — id-distrett ta' Camperdown, fil-provinċja ta' KwaZulu-Nata	BOV, OVI, RUF, RUW	F	2
ZW – Żimbabwe	ZW-0	Il-pajjiż kollu	—		

(*) Ma jinkludix il-Kosovo kif iddefinit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999.
(**) Ir-Repubblika Ex-Jugożlava tal-Maċedonja\; kodiċi provviżorju li ma jaffettwax id-denominazzjoni definittiva tal-pajjiż li għandha tiġi allokata wara l-konklużjoni tan-negozjati li għaddejjin bhalissa fin-Nazzjonijiet Uniti.
— = Ma huwa previst l-ebda ċertifikat u l-importazzjonijiet tal-laham frisk huma projbiti (ħlief għal dawk l-ispeċi fejn hemm indikat fil-linja għall-pajjiż kollu)

Il-kundizzjonijiet speċifiċi msemmija fil-kolonna 6

'1': Restrizzjonijiet ġeografiċi u temporali:

Kodiċi tat-territorju:	Ċertifikat veterinarju		Perjodu ta' żmien/dati li għalihom l-importazzjoni fil-Komunità hija awtorizzata jew mhux awtorizzata fir-rigward ta' dati għall-qtil ta' annimali li minnhom ikun inkiseb il-laham	
	Mudell	SG		
AR-1	BOV	A	Qabel il-31 ta' Jannar 2002 u dakinhar	Mhux awtorizzata
			Wara l-1 ta' Frar 2002 u dakinhar	Awtorizzata
AR-2	BOV	A	Qabel it-8 ta' Marzu 2002 u dakinhar	Mhux awtorizzata
			Wara d-9 ta' Marzu 2002 u dakinhar	Awtorizzata
AR-3	BOV	A	Qabel is-26 ta' Marzu 2002 u dakinhar	Mhux awtorizzata
			Wara s-27 ta' Marzu 2002 u dakinhar	Awtorizzata
AR-4	BOV, OVI, RUW, RUF	—	Qabel it-28 ta' Frar 2002 u dakinhar	Mhux awtorizzata
			Wara l-1 ta' Marzu 2002 u dakinhar	Awtorizzata
AR-5	BOV	A	Mill-1 ta' Frar 2002 sa l-10 ta' Lulju 2003 (biż-żewġ dati inklużi)	Awtorizzata
			Wara l-11 ta' Lulju 2003 u dakinhar	Mhux awtorizzata
AR-6	BOV	A	Mill-1 ta' Frar 2002 sa l-4 ta' Settembru 2003 (biż-żewġ dati inklużi)	Awtorizzata
			Wara l-5 ta' Settembru 2003 u dakinhar	Mhux awtorizzata
AR-7	BOV	A	Mill-1 ta' Frar 2002 sas-7 ta' Ottubru 2003 (biż-żewġ dati inklużi)	Awtorizzata
			Wara t-8 ta' Ottubru 2003 u dakinhar	Mhux awtorizzata
AR-8	BOV	A	Qabel is-17 ta' Marzu 2005 u dakinhar	ara AR-5, AR-6 u AR-7 għall-perjodi meta t-territorji speċifiċi fiż-żona msemmija f'AR-8 ma kinux awtorizzati
			Wara t-18 ta' Marzu 2005 u dakinhar	Awtorizzata

Kodiċi tat-territorju:	Ċertifikat veterinarju		Perjodu ta' żmien/dati li ghalihom l-importazzjoni fil-Komunità hija awtorizzata jew mhux awtorizzata fir-rigward ta' dati ghall-qtil ta' annimali li minnhom ikun inkiseb il-laham	
	Mudell	SG		
BR-2	BOV	A	Qabel it-30 ta' Novembru 2001 u dakinhar	Mhux awtorizzata
			Wara l-1 ta' Diċembru 2001 u dakinhar	Awtorizzata
BR-3	BOV	A	Qabel il-31 ta' Ottubru 2002 u dakinhar	Awtorizzata
			Wara l-1 ta' Novembru 2002 u dakinhar	Mhux awtorizzata
BR-4	BOV	A	Qabel id-29 ta' Settembru 2005 u dakinhar	Awtorizzata
			Wara t-30 ta' Settembru 2005 u dakinhar	Mhux awtorizzata
BW-1	BOV, OVI, RUW, RUF	A	Qabel is-7 ta' Lulju 2002 u dakinhar	Mhux awtorizzata
			Wara u inkluż it-8 ta' Lulju sa t-22 ta' Diċembru 2002	Awtorizzata
			Wara u inkluż it-23 ta' Diċembru 2002 sa s-6 ta' Ġunju 2003	Mhux awtorizzata
			Wara s-7 ta' Ġunju 2003 u dakinhar	Awtorizzata
BW-2	BOV, OVI, RUW, RUF	A	Qabel is-6 ta' Marzu 2002 u dakinhar	Mhux awtorizzata
			Wara s-7 ta' Marzu 2002 u dakinhar	Awtorizzata
PY-1	BOV	A	Qabel il-31 ta' Awwissu 2002 u dakinhar	Mhux awtorizzata
			Wara u inkluż l-1 ta' Settembru 2002 sad-19 ta' Frar 2003i	Awtorizzata
			Wara l-20 ta' Frar 2003 u dakinhar	Mhux awtorizzata
SZ-2	BOV, RUF, RUW	A	Qabel it-3 ta' Awwissu 2003 u dakinhar	Mhux awtorizzata
			Wara l-4 ta' Awwissu 2003 u dakinhar	Awtorizzata
UY-0	BOV, OVI	A	Qabel il-31 ta' Ottubru 2001 u dakinhar	Mhux awtorizzata
			Wara l-1 ta' Novembru 2001 u dakinhar	Awtorizzata

'2': Restrizzjonijiet ta' kategorija:

Il-ġewwieni mhux awtorizzat (ħlief, fil-każ ta' l-ispeċi tal-bovini, tad-dijaframma u l-muskoli masseteri)."